23 ta' Ġunju, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Fuq ir-rikors ta' l-Attorney General wara l-kawża in re:—**

**Il-Pulizija** *versus* **Salvu Meli**

**Liċenza tas-Sewqan — Kanċellament jew Sospensjoni — Appell — Art. 59 u 60 tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

***Meta s-sid ta' liċenza ta' driver ta' vettura għall-kiri jiġi misjub ħati ta' delitt, il-liċenza tiegħu tista' tiġi mħassra jew miżmuma għaż-żmien li tordna l-Qorti li tagħti s-sentenza. L-allegazzjoni li l-ak-***

*kużat huwa driver ta' vettura tista' ssir ukoll wara li huwa jiġi misjub ħati, b'rikors li għandu jiġi preżentat fi żmien tmint ijiem mis-sentenza.*

*Jekk is-sentenza tiġi appellata, u l-Qorti ta' l-Appell tikkonfermaha, il-kundanna tibqa' tal-Qorti t'Isfel; u għalhekk it-talba għas-sospensjoni tal-liċenza għandha ssir lill-Ewwel Qorti, u mhux lill-Qorti ta' l-Appell.*

B'rikors quddiem dina l-Qorti l-Attorney General, wara li qal li b'sentenza tat-12 ta' Mejju 1951 Salvu Meli ġie kundannat sitt xhur lavuri furzati fuq tentativ ta' serq, u li dak Meli għandu "special" licence għas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija tal-karrozzi tal-kiri li ġġib in-numru 3091/50, talab li dik il-Qorti tħassar il-liċenza skond il-fehma ta' l-art. 56, 59 u 60, tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija;

Il-Qorti semgħet sew l-Avukat tal-Kuruna kemm l-avukat ta' Salvu Meli, u rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Mejju li għadda, kif ukoll is-sentenza tagħha tat-12 ta' Mejju 1951;

Qabel xejn, il-Qorti tirrileva li Salvu Meli kien ġie misjub ħati u kundannat għal tentativ ta' serq b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tat-12 ta' Marzu 1951. Salvu Meli appella kontra dik is-sentenza, u dil-Qorti kkonfermat is-sentenza kontra tiegħu b'sentenza tat-12 ta' Mejju 1951;

L-art. 59 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jgħid li, meta sidha jiġi misjub ħati ta' delitt, il-liċenza ta' driver ta' vettura tal-kiri tiġi mħassra jew miżmuma għaż-żmien li tordna l-Qorti li tagħti s-sentenza. U l-art. 60 ta' l-istess Kodiċi jgħid li, għall-finijiet ta' l-artiklu ta' qabel dan, l-allegazzjoni li l-akkużat huwa driver ta' vettura tista' ssir ukoll wara li huwa jiġi misjub ħati, b'rikors li għandu jiġi preżentat fi żmien tmint ijiem mis-sentenza;

Għalkemm l-appell jissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata, f'każ ta' konferma hija l-Ewwel Qorti li tkun ikkundannat lill-imputat. Inmela l-Qorti li quddiemha għandha ssir l-allegazzjoni kontemplata fl-art. 60 fuq imsemmi mhijiex dina l-Qorti, iżda l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza li tkun sabitu ħati;

U dan huwa naturali, u jaqbel mal-prinċipji proċedurali f'materja kriminali; għax meta tintalab is-sospensjoni tal-li-

ċenza, tkun qiegħda tintalab kundanna ġdida, u dina għandha tintalab quddiem l-Qorti oriġinarja ta' l-Ewwel Istanza, u mhux quddiem il-Qorti ta' l-Appell u ta' Reviżjoni. U b'hekk, anki fl-interess tal-ġustizzja u ta' l-imputat, ikun hemm dejjem ir-rimedju ta' l-appell;

Għaldaqstant ir-rikors sar quddiem dil-Qorti ħażin, u kellu jsir quddiem l-Ewwel Qorti fit-terminu stabbilit mill-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara irritu u null ir-rikors magħmul quddiem din il-Qorti, u għalhekk inattendibili.